ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 39/07 – L-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 19:00pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Ġnien Joanne – Play Equipment
4. Memo 18/2015 – Att dwar ir-Responsabbilta' Fiskali
5. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
6. Rapport mill-Kunsillieri
7. Ħwejjeġ Oħra
8. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 38/07 ta' nhar **l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li s-sitwazzjoni mal-Kuntrattur Vella Group għadha status quo għall-fatt li kienet għadha ma ġietx skedata laqgħa oħra ma' dan il-kuntrattur. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol li sar u li għad hemm bżonn isir fil-Berġa diġa qed iqarreb għal madwar €2000 iktar minn dak stmat oriġinarjament fil-Kuntratt. Berġa

ii.i Kompla s-Sindku li dawn l-ispejjeż kienu ser jagħmlu tajjeb għalihom il-Primary Health.

iii. Fir-rigward ta' Ġnien Veliko Turnovo is-Sindku spjega li l-gazebo ingħalqet bl-aħjar mod possibli. Ġnien Veliko Turnovo

iii.i Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku Keith Darmanin sabiex jieħu nota u l-ewwel drb li jkollu laqgħa mal-Ispettur tad-Distrett jinfurmah bil-każ.

iii.ii. Il-Viċi Sindku ħa nota u ser ikellem lill-Ispettur tad-Distrett.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li l-Kunsill ma kienx kopert b'polza ta' Assikurazzjoni hekk kif kien ġie spjegat lilhom fil-laqgħat preċedenti, is-Seg. Eżek. ġabret il-kwotazzjonijiet u ġie magħżul l-irħas offerent. Dawn huma Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD. Insurance

iv.i Is-Sindku kompla jispjega li waqt il-perjodu li l-Kunsill ma kienx kopert, bħalma jafu dik il-maltempata li kienet laqtet lill-Malta, għamlet xi ħsara fis-sistema tal-PABX tal-Kunsill u dawn l-ispejjeż s'intendi ma kienux koperti bl-assikurazzjoni. PABX

iv.ii IS-Sindku qal ukoll li anke is-sistema ta-CCTV ġarbet xi ħsarat u hemm bżonn li jsiru kemm tiswjiet kif ukoll tibdil tal-apparat. CCTV

iv.iii **Mozzjoni Nru 1 ta' 39/07** Mozzjoni Nru 1

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li ladarba l-Kunsill jiġbor 3 kwotazzonijiet, jista' jmexxi bl-għażla ta-supplier skont il-bżonnijiet tal-Kunsill u eventwalment bix-xiri tal-pabx. U dan mingħajr ma noqgħodu nistennew laqgħa oħra.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

iv.iv **Mozzjoni Nru 2 ta' 39/07** Mozzjoni Nru 2

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li l-Amministrazzjoni tmexxi b'dak kollu li hemm bżonn biex isiru t-tiswijiet u bdil ta' apparat tas-sistema ta' CCTV.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadu għaddej b'diskussjonijiet mad-Dipt. Gvern Lokali dwar iċ-Ċirkolari li Dipt Gvern Lokali ħareġ sabiex it-*trainees* li jkollu assenjati miegħu jkunu jistgħu japplikaw ukoll . Is-Sindku kompla jispjega li mhemm imkien fil-Liġi li dawn is-sejħiet iridu Sejħiet għall-impjegati

jsiru bejn il-kunsilli kollha u mhux internament fil-Kunsill partikolari.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talbiet għal rifużjoni lill-Kunsilli minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq, is-Sindku spjega li bħala Assoċ. Gvern Lokali qalu li mhumiex jaċċettaw dik l-Isqarrija li kien ħareġ il-Bord ta' Governanza. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

viii.i **Mozzjoni nru 3 ta' 39/07**
Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ppropona u l-Kunsillier Frans Agius ssekonda li jitfasslu kriterji sabiex b'hekk jiġu ċċarti x'miżuri jista' jaddotta l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

viii.ii l-Kunsillier Luke Genuis għandu jressaq l-proċeduri li jiġu wtilizzati mill-Aworita' f'każi simili.

ix. Ġie deċiż li dawn il-każijiet jiġu deċiżi f'laqgħat oħra.

ix.i Rigward it-turf, is-Sindku talab lis-Seg. Eżek. sabiex terġa tkellem lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jiggwidana fuq x'possibilta' hemm sabiex inħaffu l-kawża. sabiex dan l-Appell jiġi appuntat. Turf tal-ground 5 aside

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-iskart għad qed ikollu diversi nuqqasijiet dwar il-ġbir għaliex jidher li għadhom qed jinqabżu xi toroq u/jew ma jinġabarx l-iskart kollu. Skart Domestiku

x.i Is-Sindku spjega li jekk dan l-aġir ser jibqa għaddej ser nibdew noħorġulu d-default notices.

x.ii. Is-Sindku żied jgħid li d-Dipt. Gvern Lokali bgħat ċirkolari lill-Kunsilli kollha sabiex jara jekk il-Kunsill jsibx oġġezzjoni li l-ħin ta' ġbir ta' skart jinbidel. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li l-ħin tal-ġbir ta' skart ġewwa Ħal Tarxien jibqa kif inhu preżentement peress li dan il-Kunsill diġa għandu ftehim mal-kuntrattur sabiex it-toroq li jwasslu għall-iskola jiġu miġbura tard matul il-jum.

xii. Rigward l-Ambaxxattur Vot 16, ġie propost TRISTAN MERCIECA, 402098M, NRU. 90, GLEN WAVERLEY, TRIQ IL-FIERES, TARXIEN. Ambaxxatriċi Vot16

Il-Kunsill qabel unanimament li Tristan Mercieca jinħatar Ambaxxatur Vot 16.

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' Governanza kien għadu ma weġibx dwar tweġiba tiegħu lil kien bgħatt b'referenza għal dak kollu miktub inkluż fl-sms mill-Ex sindku Joseph Abela. U tal-Vann tal-Ex Sindku u SMS mill-Ex Sindku Joseph Abela

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ikkonferma mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto dwar it-traffic management propost fi Triq Kurunell Mass. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

*Il-Kunsillier ismael Dalli wasal fi 19:00pm*

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ikkontesta l-penali ta' madwar €1119 li l-Kunsill weħel fl-2014 minħabba nuqqas tal-Ex Seg. Eżek. Paul J. Pace. Is-Sindku qara l-emails li kienu għaddew bejnu u bejn id-Dipt. Gvern Lokali. Penali minħabba nuqqas tal-Ex Seg. Eżek. Paul J. Pace

xv.i Is-Sindku qal li ser jfassal ittra u jibgħatha lill-Ministru dwar dan il-każ.

xvi. Is-Sindku fil-vesti tiegħu ta' President tar-Reġjun Xlokk ippreżenta ċekk lill-Kunsill għal-valur ta' €1000 li huwa l-ewwel pagament mis-somma ta' €4000 li ser jieħu kull Kunsill fir-Reġjun Xlokk. Ċekk ta' €1000 mir-Reġjun Xlokk

xvii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Onor. Silvio Parnis ressaq suġġeriment f'isem residenta Suġġeriment – Ċint Grawnd 5 aside

s-Sra. Antoinette Pavia sabiex iċ-ċint madwar il-grawnd 5 aside u l-bandli jinżel b'żewġ filati.

xvii.i Saret diskussjoni dwar dan u b'mod unanimu ġie deċiż li dan ma jistax isir minħabba raġunijiet ta' sigurta.

xviii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li t-TM bgħatet 2 ittri fejn : Ittri TM

- L-Awtorita' tapprova li road hump tal-konkos quddiem Dar Tal-Kejka fi Triq Xintill tinqala minn fejn hi u ssir oħra bil-wiċċ għat-tond u li tersaq fil-viċinanzi ta' DAR Xlukkajr fi Triq Xintill. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillieri unanimament ma qablux ma din id-deċiżjoni.

- L-Awtorita tapprova li jsiru 2 linji sofor quddiem garaxx Nru 24, Helena House Triq id-29 ta' Mejju 1592. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillieri unanimament ma qablux ma din id-deċiżjoni.

xix. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Ex Sindku Joseph Abela kien irritorna lura l-camera dakinhar stess ftit ħin qabel il-laqgħa. CCTV Camera

xx. IS-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-bilanċ ta' fondi fuq il-UIF qiegħed €9,345.90. UIF

## 3. Ġnien Joanne – Play Equipment

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li skond rapport mill-MCCAA dwar is-safety kien hemm indikat li kienu biss xi affarijiet li riedu jinbidlu. F'dan il-waqt il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa allura għaliex il-Kunsill kien iddeċieda li jinbidel l-apparat bl-istruttura b'kollox? Is-Sindku staqsih kienx jaf li l-Ex Sindku kien diġa ordna l-apparat bl-istruttura b'kollox ? Il-Kunsillier Bnavia wieġbu li le għax qal li l-Kunsill ma kienx f'qagħda finanzjarja li jagħmel ċerta spejjeż. Ġnien Joanne

Is-Sindku spjega li meta hu bgħat għal kuntrattur biex jgħidlu jibdel is-safety structure u forsi xi apparat żgħir ieħor, il-Kuntrattur infurmah li l-Ex Sindku kien diġa ordna l-istruttura kollha bis-safety material u xi apparat ieħor. Hawnhekk il-Kunsillier Frans Agius qal li kellu idea li l-Ex Sindku kien ser jordna kollox filwaqt li kellu jiftiehem mal-Kuntrattur sabiex iħallshu ftit ftit.

Is-Sindku qal li l-istruttura mhux lest li jaqlagħha ladarba din kienet għadha f'kundizzjoni tajba sew. Huwa kien ser jordna u jibdel ix-xibka peress li l-wire kien inkixef. U jibdel ukoll is-safety material ta' taħt. Il-Kunsill qablu miegħu unanimament.

Is-Sindku spjega li waħda mill-bandli kellha tinqalha peress li l-istruttura tal-bandli dawwarniha. Dan sar biex b'hekk ma kienx hemm il-bżonn li nkissru l-paviment biex inkabbru l-area tas-safety material. Hekk kif ġiet issa xorta waħda l-area tas-safety material hija kif suppost.

B'hekk issa l-Kunsill għandu struttura kompluta kif ukoll bandla. Għalhekk huwa qed jissuġġerixxi li fil-parti tal-ġnien fejn hemm il-ħamrija fi Triq Kurunell Mass , titneħħa l-ħamrija u jsir wiċċ tal-konkos u fuqha titpoġġa l-istruttura l-ġdida flimkien mal-bandla. Imbagħad qed kif jitolbu r-regolatment tas-sisgurta' mill-MCCAA, issir xatba u fence mad-dawra kollha. Kif ukoll issir crash barrier minħabba l-karozzi li jgħaddu minn hemm. B'hekk qal is-Sindku ikun qed jinħoloq spazzju ieħor għar-rekreazzjoni.

Is-Sindku qal li biex jitwettaq dan il-proġett nistgħu nutilizzaw il-fondi mill-UIF u b'hekk ntaffu ftit mill-ispiża.

**<u>Mozzjoni nru 4 ta' 39/07</u>**
Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li dan il-proġett isir fis-soft area fi Triq il-kurunell Mass u li nutilzzaw il-fondi mill-UIF.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Memo 18/2015 – Att dwar ir-Responsabbilta' Fiskali** Att dwar ir-responsabbilta' fiskali

i. Dan l-Att kien mgħoddi lill-Kunsillieri kollha jiem qabel il-laqgħa tal-Kunsill sabiex waqt din il-laqgħa jressqu l-kummenti tagħhom. B'mod unanimu l-Kunsillieri qablu li mad-daqqa t'għajn dan id-dokument jidher li l-affarijiet huma sewwa.

5. **Affarijiet Finanzjarji** Skeda ta' Pagamenti

***Skeda ta' pagamenti***

i. L-Iskeda Nru 28/07 ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

6. **Rapport tal-Kunsilliera**

i *Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

i.i Is-Sur Darmanin qal li fi 22 ta' Settembru 2015 ser issir laqgħa tan-Neighbourhood Watch skond kif elenkat hawn taħt:

- Triq Valerio Vigorelli, Triq E.B. Vella u Triq Marjanu Gerada;

Filwaqt li qal li l-laqgħat għat-toroq kif elenkati hawn taħt diġa saru :-

- Triq it-Tarzna, Triq Ħal Luqa u Triq Santu Wistin;
- Triq Dun Karm Sant, Triq il-Madonna tar-Rużarju u Triq ir-Russett;

i.ii Il-Viċi Sindku qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics ser jerġgħu jibdew u għalissa ser jibqgħu jsiru fil-grawnd tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat.

ii. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li d-Dipt tal-Edukazzoni aċċettaw li jagħtuna klassi li bħas-soltu dawn il-lezzjonijiet ser isiru ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju.

ii.ii Il-Kunsillier Frans Agius qed jissuġġerixxi li l-lezzjonijiet tal-crafts jibdw għax-xitwa. Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. *Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

iii.i Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li għadu jistenna mingħand il-Greenpak sabiex issir laqgħa magħhom.

iii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-shared spaces saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Ombudsman fejn preżenti kien hemm l-AKL, u l-Meusac. F'din il-laqgħa ġie propost u aċċettat li din l-skema nidħlu għaliha b'mod reġjonali sabiex jipprovaw jinġiebu fondi Ewropej.

7. **Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku ssuġerixxa li bħala traffic management ġdida qed jipproponi li fil-parti ta' Triq il-

Knisja ma' Triq iż-Żejtun l-light cars jgħaddu minn mal-island filwaqt li r-route buses jibqgħu għaddejjin dritt. Is-Sindku qal li ser jipprepara site plan ta' dak propost.

6. **Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:45pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015 fis-6.00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**